MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tat-2 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 1215/2013

**Edward Caruana (K.I. numru 158462M),**

**Raymond Bonello (K.I. numru 412064M),**

**Louis Micallef (K.I. numru 589559M),**

**Saviour Giordano (K.I. numru 221559M),**

**Cassar Emmie sive Emanuel (K.I. numru 209878M) u**

**Jason Brown (K.I. numru 336172M)**

**-VS-**

**Il-bastiment BUNKERTANK 1, IMO**

**Numru 8513235, tunnellagg gross ta'**

**576 u registrat Malta**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti ta’ Edward Caruana tat-23 ta’ Dicembru 2013, li jaqra hekk:

1. *“Illi r-rikorrenti rrendew servizz bhala kaptan, ufficjali u membri tal-ekwipagg fuq il-bastiment intimat u whud minnhom ghadhom hekk qed irendu servizz u jaqdu d-dmirijiet taghhom abbord il-bastiment intimat fil-mori ta' dawn il- proceduri;*

2. *Illi l-bastiment intimat, li huwa proprjeta’ tas-socjeta registrata f’Malta, Bunker Supplies Malta Ltd, jgib in-numru ufficjali tal-IMO 8513235, ghandu tunnellagg gross ta' 576 u jtajjar il-bandiera Maltija;*

3. *Illi r-rikorrenti huma kredituri tal-bastiment intimat stante li ghandhom jircievu minghand il-bastiment intimat ammonti konsiderevoli f’pagi, bonuses u allowances dovuti lilhom bhala kaptan, ufficjali u membri tal-ekwipagg fuq l-istess bastiment hekk kif ser jirrizulta mill-provi mressqa fil-mori tal-kawza odjerna;*

4. *Illi r-rikorrenti interpellaw diversi drabi lill-bastiment intimat u lis-sidien tieghu sabiex ihallsu l-ammonti dovuti lill-istess rikorrenti izda dawn baqghu inadempjenti;*

5. *Illi r-rikorrenti ghalhekk talbu u ottjenew il-hrug ta' mandat ta' arrest ta' bcejjec tal-bahar bin-numru 1871/2013 fl-ismijiet "Edward Caruana et vs il-bastiment "BUNKERTANK 1" (IMO 8513235)", bil-ghan li jassiguraw li l-bastiment intimat jibqa' fMalta u hekk ikunu jistghu jipprocedu b'din l-istanza in rem kontra l-istess bastiment intimat. Kopja tal-imsemmi mandat hawn qed tigi annessa u mmarkata Dok. 'A';*

6. *Illi l-mandat ta' arrest kawtelatorju surreferit ghadu fis-sehh sal-gurnata tar- rikors odjern u ghaldaqstant il-bastiment intimat jinsab fl-ibhra territorjali ta' Malta u taht il-gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti;*

7. *Illi r-rikorrenti jafu illi l-bastiment intimat u s-sidien tieghu ma ghandhom 1-ebda eccezzjoni valida x'jissollevaw u dawn tal-ahhar huma a konjizzjoni tal- fatti suesposti;*

*Ghaldaqstant, jghid il-bastiment intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex ghar-ragunijiet premessi, u prevja kull dikjarazzjoni ohra li tista' tkun necessarja:*

1. *Tiddikjara li l-bastiment intimat huwa debitur tar-rikorrenti ghall-pagi, bonuses u allowances dovuti lilhom bhala kaptan, ufficjali u membri tal-ekwipugg fuq l- istess bastiment intimat;*

2. *Tillikwida l-ammonti dovuti lir-rikorrenti inkluz kull arretrati ta' pagi, bonuses u allowances dovuti lilhom bhala kaptan, ufficjali u membri tal-ekwipagg fuq l- istess bastiment, bl-interessi legali mid-data minn meta l-imsemmija pagi, bonuses u allowances kienu dovuti sad-data tal-pagament effettiv;*
3. *Tikkundanna lill bastiment intimat ihallas lir-rikorrenti rispettivament l-ammonti hekk likwidati fit-talbiet precedenti;*
4. *Taghti kull provvidement iehor opportun skond ic-cirkostanzi tal-kaz.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' arrest ta' bcejjec tal-bahar numru 1871/2013,*

*kontra l-bastiment intimat li huwa ngunt ghas-subizzjoni, u bir-riserva ta' kull azzjoni fil-ligi inkluz dik ghal danni, u ammonti ohra dovuti lir-rikorrenti."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors mahluf;

Rat in-nota tal-atturi tal-24 ta' Jannar 2014;

Rat illi ir-rikors promotorju, digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-bastiment intimat;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet tagħha tat-Tnejn 10 ta' Marzu 2014, li bih akkordat lill-bastiment intimat terminu t'ghaxart (10) ijiem sabiex iressaq s-sottomissjonijiet, ai termini tal-Artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat in-nota tal-atturi tal-10 ta' Marzu 2014 u dokument aness ;

Rat li l- bastiment intimat ma ressaq ebda sottomissjoni u baqa' inadempjenti;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidrat:**

Illi mix-xhieda ta' Edward Caruana, Kaptan tal-bastiment intimat, fl-affidavit tieghu Dok. EC1 a fol. 20 et seq jirrizulta illi huwa flimkien mal-atturi kollha kienu jifformaw membri tal-ekwipagg tal-bastiment intimat, u li kienu u ghadhom sal-gurnata tal-llum irendu servizz fuq il-bastiment BUNKERTANK 1. Ezebixxa kopja tal-IMO *crew list* Dok. EC2 li turi l-membri tal-

ekwipagg li kienu jservu fuq il-bastiment, u ikkonferma illi la l-bastiment intimat, wisq anqas il-kumpanija Bunker Supplies Malta Limited, ma hallsu lill-atturi l-pagi, l-*bonuses* u *allowances* dovuti lilu bhala kaptan u lil membri tal-ekwipagg. Gie ezebit ukoll Dok. EC3 a fol. 23 u 24, prospett tas-salarju, *bonuses*, *allowances*, tal-atturi, f'ammont ta' erbgha u hamsin elf, hames mija u erbgha u erbghin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€54,544.82). L-atturi xhedu illi minkejja illi id-*designate person ashore* Doris Buttigieg giet mitluba taghmel il-pagamenti tas-salarji dovuta lill-atturi u tipprovdi ghal-bunkers essenzjali ghat-tmexxija tal-bastiment, Buttigieg ma ghamlet ebda hlas u l-ahhar komunika kienet f'Novembru 2013 fejn l-ekwipagg gie infurmat illi l-kumpanija ma setghetx thallas il-pagi u l-membri tal-ekwipagg gew mitluba jistennew. Di piu' l-Awtorita' ghat-Transport Malta kienet konxja tal-problemi relatati mal-bastiment u r-rapprezentant tal-International Transport Workers' Federation, gie aggornat bil-problemi fuq il-bastiment u informa b'dana kollu lill-Awtorita' ghat-Transport f'Malta. Giet ezebita ittra tas-19 ta' Novembru 2013 Dok. B a fol. 27.

Fix-xhieda viva voce il-Kaptan Edward Caruana ikkonferma ix-xhieda li ta fl-affidavit u il fatt li il-membri tal-ekwipagg gew totalment abbandunati mis-societa ,sid il-vapur, tant li lanqas supplies ta *diesel,* ikel jew ilma ghax-xorb ma gew provduti, u dana minkejja id-divesi interpellazzjonijiet lis-socjeta' Bunker Supplies Malta Limited bit-*telephone*, permezz tal-*emails* u permezz ta' ittri.

Dana kollu gie konfermat ukoll minn Paul Falzon.

Illi di piu, fil-kontumacja tal-bastiment intimat, u fid-dawl tal-inadempjenza tieghu ghall-fakolta moghtija minn din il-Qorti li jipprezenta sottomissjonijiet bil-miktub, din il-Qorti ma tarax li ghandha alternattiva ghajr illi taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, billi*:*

1. Tiddikjara li l-bastiment intimat huwa debitur tar-rikorrenti ghall-pagi, *bonuses* u *allowances* dovuti lilhom bhala kaptan, ufficjali u membri tal-ekwipagg fuq l- istess bastiment intimat fis-somma ta' erbgha u hamsin elf, hames mija u erbgha u erbghin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€54,544.82) li ghandhom jitqassmu lir-rikorrenti skond il-prospett Dok. EC3 a fol 25;

2. Tillikwida l-ammonti dovuti lir-rikorrenti inkluz kull arretrati ta' pagi, *bonuses* u *allowances* dovuti lilhom bhala kaptan, ufficjali u membri tal-ekwipagg fuq l- istess bastiment fis-somma ta' erbgha u hamsin elf, hames mija u erbgha u erbghin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€54,544.82), bl-interessi legali mid-data minn meta l-imsemmija pagi, *bonuses* u *allowances* kienu dovuti sad-data tal-pagament effettiv;

3. Tikkundanna lill bastiment intimat ihallas lir-rikorrenti rispettivament l-ammonti ta' erbgha u hamsin elf, hames mija u erbgha u erbghin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€54,544.82);

Bl-ispejjez kif mitluba mill-istess rikorrenti kontra l-bastiment intimat.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------